**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 414/2016**

**ZN**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd.**

**(C 30053)**

**Seduta tal-14 ta' Gunju 2017**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** ipprezentat fis-17 t'Awwissu, 2016, fejn l-ilmentatur qed jilmenta li l-*GlobalCapital Financial Management Ltd.* ma mxietx fl-ahjar interessi tieghu bhala klijent taghha, kif ukoll naqset mill-obbligi fiducjarji taghha fil-konfront tieghu.

Jilmenta li anke l-mod kif stiednu ruhhom b'idejhom is-*sales representatives* tal-*GlobalCapital* juri li kellhom prattika aggressiva min-naha taghhom biex ibieghu il-prodott *PATF TEP 2,* li hu prodott kumpless u ta' riskju gholi. Madankollu, r-rapprezentanti tal-*GlobalCapital* zgurawh li kien garantit u *low risk.*

Jilmenta li gie zvijjat meta ddiskrevewlu il-prodott *PATF TEP No 2* bhala prodott 'b'kapital protett' u li 'jikber b'xi 7% fis-sena'; l-*SG Commodity Best Target* bhala prodott 'b'kapital garantit u jaghti l-qligh fl-ahhar mal-kapital'; u l-*SG Adequity Best Select* bhala prodott 'b'riskju baxx' – meta dawn it-tlett prodotti huma prodotti kumplessi ghall-ahhar.

Ghalhekk, l-ilmentatur isostni li nghata parir hazin meta rrakkomandawlu dawn il-prodotti kumplessi. Barra minn hekk, ma sarx *Appropriateness Test* biex jaraw dan l-investiment kienx jghodd ghalih u addattat ghac-cirkostanzi personali u l-attitudni ta' riskju tieghu: bniedem bla ebda esperjenza precedenti fl-investimenti, kuntrarjament ghal kif pengewh il-*GlobalCapital.*

Jilmenta li ffirma karti li kienu kollha bl-Ingliz, meta hu bl-Ingliz ma jafx u ma gewx spjegati lilu, kollox sar b'heffa u ghaggla, u d-dokumenti ma nghatawlux. Jilmenta wkoll li min tah il-parir jinvesti f'dan il-prodott partikolari lanqas biss kien awtorizzat mil-awtorita` kompetenti biex jaghti l-pariri. Dan kollu, jilmenta, jikkostitwixxi negligenza u *investment misselling*

Ghaldaqstant, l-ilmentatur qed jitlob biex jigi kkompensat ghat-telf kapitali realizzat fuq l-investimenti koncernati li jammontaw ghal €17,352.98 u l-hlas lura tal-investiment originali fi *The Protected Asset TEP Fund No 2* li sar mill-ilmentatur ghas-somma ta' €18,000, flimkien ma' imghaxijiet b'rata ragonevoli ghall-perjodu bejn it-18 ta' Jannar, 2008 sat-18 ta' Lulju, 2014.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn jghid:**

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, tenut kont il-varji allegazzjonijiet ta' tehid ta' firem fuq formuli u abbuz frawdolenti mill-eccepjenti (bhal ma jigi allegat fl-ewwel talba, paragrafu erbgha tal-ilment), jidher illi qed jigi allegat illi l-kunsens tal-ilmentatur biex jinvesti fl-investimenti mertu tal-kaz, ittiehed b'qerq u ingann, u allura l-eccepjenti qieghda tinvoka l-preskrizzjoni ta' sentejn abbazi tal-Artikolu 1222(1) et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentatur in kwantu bbazati fuq responsabbilta` kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in kwantu l-ilmentatur fl-ewwel talba qed jallega ksur ta' obbligazzjonijiet b'mod indiskriminat illi skont hu *"jinqalghu bis-sahha tal-ligi, kuntratt, kwazi kuntratt, trust, assunzjoni ta' kariga jew imgieba"*, l-ilmentatur ghandu jiccara t-talba tieghu billi jispecifika wiehed wiehed liema huma l-obbligazzjonijiet li qed jirreferi ghalihom u f'kull kaz ghandha ssir il-prova ta' kif jinqalghu l-obbligazzjonijiet li qed jasserixxi l-ilmentatur fil-kaz *de quo*; ghaldaqstant l-eccepjenti filwaqt li qed tirrispondi kif tista' ghall-ilment tal-ilmentatur a skans ta' pregudizzju serju ghad-difiza taghha, qieghda tirriserva minn issa illi tressaq eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz kemm-il darba s-Sinjorija Tieghu l-Arbitru joghgbu jordna lill-ilmentatur sabiex jiccara l-ilment tieghu;

5. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talba tal-ilmentatur f'paragrafu 3 (ii) ma ghandha ebda bazi legali u r-rimedju offrut ma johrogx mil-Ligi. L-ilmentatur huwa marbut bir-rimedji li taghti l-Ligi u ma ghandu ebda dritt jipproponi rimedji alternattivi ghal dawk ezistenti fil-Ligi. *Di piu`*, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti kienet biss intermedjarju bejn l-investitur u l-emmettrici tal-prodott ghall-fini ta' xiri u bejgh tal-istess investiment. Illi ghalhekk in kwantu jidher illi l-ilmentatur jista' jkollu f'mohhu l-principju tar-*restitutio in integrum*, ir-rimedju propost *se mai* ghandu jintalab fil-konfront tal-emmetrici tal-prodott u mhux tal-eccepjenti;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet kollha tal-ilmentatur huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet imsemmija f'din ir-risposta u ghalhekk is-socjeta` intimata ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont in linea ta' telf, dannu, kumpens u/jew reintegrazzjoni lill-ilmentatur u t-talbiet tal-ilmentatur ghandhom jigu respinti;

7. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, s-socjeta` intimata mhux responsabbli ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mill-ilmentatur la minhabba nuqqas li thares l-ahjar interess tal-

klijent taghha, la minhabba nuqqas li tadempixxi l-obbligi legali taghha (inkluz kwalsiasi obbligi kuntrattwali u/jew fiducjarji li seta' kellha) fil-konfront tal-istess ilmentatur, la minhabba negligenza u/jew *investment misselling*, la minhabba qerq u/jew abbuz ta' fiducja u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat mill-ilmentatur;

8. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, s-socjeta` intimata tichad bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjonijiet tal-ilmentatur ta' tehid ta' firem, qerq u/jew abbuz frawdolenti u/jew li l-eccepjenti agixxiet b'xi mod kontra l-ligi biex tillimita r-riskju legali taghha a skapitu tal-ilmentatur;

9. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccepjenti ma wettqet ebda *misselling* fil-konfront tal-ilmentatur u tafferma illi kemm fil-kaz ta' dawk l-investimenti li nbieghu f'Jannar 2008 fuq bazi ta' "*promote and sell*" kif ukoll fil-kaz ta' dawk l-investimenti li nbieghu f'Settembru 2009, fuq il-parir tal-esponenti, fil-mument li l-ilmentatur akkwista l-investimenti in kwistjoni, dawn l-investimenti fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwarhom u abbazi tal-informazzjoni li kellha s-socjeta` intimata minghand l-ilmentatur stess, kellhom il-premessi kollha sabiex fil-fehma ragonevoli tas-socjeta` intimata jinbieghu lill-ilmentatur, u dan kollu kif ser jirrizulta ahjar fil-kors tal-procediment odjern;

10. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, qed jigi eccepit il-*casus*, stante li kwalunkwe telf li seta' garrab l-ilmentatur huwa direttament u/jew indirettament ir-rizultat tal-krizi finanzjarja dinjija li bdiet fis-sena 2008;

11. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccepjenti ma tistax tinsab responsabbli ghal telf li sehh f'investimenti li hi ma kinitx qieghda tiggestixxi, u f'kull kaz, l-ilmentatur ma jistax jitlob kumpens ghal prodotti li ddecieda hu stess dwar l-akkwist u l-bejgh taghhom;

12. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talba tal-ilmentatur ghall-imghaxijiet fit-tielet (3) u fir-raba' (4) talba tal-ilment huma legalment insostenibbli; illi fl-2008 u fis-snin sussegwenti d-dinja ghaddiet mill-akbar krizi fis-swieq finanzjarji mis-snin 1930 'l hawn. Ghalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentatur ma jistax jassumi, *con il senno del poi*, illi kieku investa flusu f'investiment iehor il-kapital tieghu kien ser jibqa' shih u/jew li kien ser jaghmel dhul jew tkabbir kapitali matul il-perjodu tal-investiment tieghu kif qed jippretendi fl-ilment tieghu;

13. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talba tal-ilmentatur ghall-imghaxijiet fit-tielet (3) u fir-raba' (4) talba mid-data tar-rakkomandazzjoni tal-MFSA bir-rata ta' 8% hija wkoll legalment insostenibbli in kwantu r-rakkomandazzjoni tal-MFSA apparti kull kontestazzjoni ohra, ma torbotx fil-ligi;

14. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, il-kalkolu tal-pretensjoni tal-ilmentatur huwa erronju in kwantu jinkludi l-kummissjonijiet li thallsu sabiex sehhew it-tranzazzjonijiet l-investiment originali kien ta' Euro58,360.14, u mhux Euro60,000; di piu` sussegwentement l-ilmentatur biegh u akkwista investimenti ohra filwaqt illi ppercepixxa dhul mill-istess investimenti – u dan kollu kif ser jirrizulta ahjar fil-kors tal-procediment odjern; ghaldaqstant, il-figuri indikati fl-ilment huma lkoll erronji.

15.

**Ra l-affidavits tal-partijiet,**

**Sema' x-xhieda,**

**Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet,**

**Ra d-dokumenti kollha tal-kaz,**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz jeceppixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 1221 (1) 2153 u 2156 (f) tal-Kodici Civili.

**L-eccezzjoni ibbazata fuq l-Artikolu 1221 tal-Kap. 16,** tirreferi ghal rexissjoni ta' kuntratt minhabba *'vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta` ….'*

Fit-talbiet tieghu, l-ilmentatur mhux qed jitlob rexissjoni ta' kuntratt imma talba ghall-hlas ta' telf ta' natura kuntrattwali. Veru li hemm l-uzu ta' kliem bhal 'malizzja, qerq u ingann,' imma m'hemm l-ebda talba ghal rexissjoni a bazi ta' din id-dicitura:

Fis-sentenza fl-ismijiet Frank German vs Domenico Azzopardi, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Jannar 1950, li

*'(L)-indoli ta' l-azzjoni tigi desunta mhux tant mill-kliem piu o meno ezatti tal-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghalih huwa intiz il-gudizzju.'*

Minn dan isegwi li ghall-finijiet tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, huwa necessarju li ssir indagini dwar il-vera natura tal-azzjoni li qieghda tigi ezercitata mis-socjetà attrici.[1]

M'hemm l-ebda dubju li t-talbiet li l-ilmentatur qed iressaq huma dwar kumpens ghall-hlas minhabba inadempjenza kuntrattwali tas-socjeta` konvenuta, u ghalhekk din l-eccezzjoni m'hijiex relevanti ghall-kaz in kwistjoni.

**Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili**, il-Qrati taghna irritenew illi l-preskrizzjoni kolpita bl-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma tapplikax fejn ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija wahda dwar obbligazzjoni kuntrattwali. Fil-kaz *Go p.l.c*. vs Charles Dimech:[2]

*'Illi l-Qorti taghna dejjem irritenew illi l-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 tal-Ordinanza VII tal-1868 (dak li llum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux*

---

[1] Ikkwota fis-sentenza, *Associated Supplies Ltd*. PA, 1/11/2016

[2] PA, 28/7/2011

*minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'. Meta d-danni huma 'ex contractu', ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.'*

Barra minn hekk:

*'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art. 2153 tal-Kodici Civili:*

*'Il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. Vol XXXVII.ii.622).'*[3]

M'hemm l-ebda dubju li l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz dahlu f'rabta kuntrattwali meta l-provditur kien qed jaghti servizz ta' parir u bejgh ta' prodott finanzjarju bi hlas lill-ilmentatur, kif jirrizulta minn diversi dokumenti esebiti bhal, per ezempju, l-*Purchase Contract Notes*, il-*File Notes, is-Sale Contract Notes* u r-ricevuti tal-ammonti li hallas l-ilmentatur biex xtara dawn il-prodotti.

Ghalhekk trid tigi ezaminata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbilew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet *Stencil Pave (Malta) Limited* vs Dr Maria Deguara noe,[4]

*'Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew bill iggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li*

[3] Av. Dott Pio M Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et, PA, 7/10/2016
[4] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta 'Ottubru, 2003
[5] Holland noe vs Chetcuti , QA, – 25 ta` Frar 2000

*l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq';*

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[5]

Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza "Causon vs Sheibani noe", illi:-**

***'Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jagmmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'pozizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le.'***

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz, ikun jista' jezercita` dik l-azzjoni:

**Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:**

***'Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni.[6]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova li l-ilmentatrici skadielha z-zmien ta' hames snin minn mindu setghet tezercita din l-azzjoni.

---

[6] Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited, PA, 12/10/2004

Il-provditur tas-servizz irid jipprova minn mindu beda jiddekorri l-perjodu tal-preskrizzjoni. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu,[7] il-provditur jghid li l-perjodu tal-preskrizzjoni '*rigward l-investiment fil-PATF Fund, l-ewwel investiment f' Aberdeen u fl-SG Commodity Best Target fit-28 ta' Dicembru 2007, fl-investiment tal-SG-Adequity Best Select fid-9 ta' Jannar 2008, u rigward it-tieni investiment fl-Aberdeen mid-9 ta' Jannar 2009, cioe` il-granet li fihom sar l-inkontru bejn ir-rapprezentant tas-socjeta` intimata u l-ilmentatur: li wassal ghall-bejgh tal-investiment in kwistjoni, ossia l-mument li fih l-ilmentatur jallega li avvera ruhu l-fatt illecitu lamentat'.*

Fi kliem semplici, il-provditur jghid li l-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta inghata s-servizz u, cioe`, mill-'*granet li fihom sar l-inkontru bejn ir-rapprezentant tas-socjeta` intimata u l-ilmentatur li wassal ghal bejgh tal-prodott in kwistjoni'.*

L-Arbitru ma jaqbilx ma' dan ghaliex din it-tranzazzjoni kienet wahda dwar prodotti finanzjarji ta' investiment; u l-investitur isir jaf jekk, fil-fatt, inghatax parir tajjeb jew le, mhux dakinhar li jinghata l-parir imma mal-moghdija taz-zmien: meta l-prodott li jkun inbieghlu jibda jahdem u, hafna drabi, l-investitur *retail* jinduna li ma jkunx inghata servizz kif misthoqq meta l-istess prodott imur hazin. Ghalhekk ma jistghux jintuzaw kriterji f'dan il-qasam, bhal nghidu ahna meta konsumatur jixtri kwalunkwe prodott iehor li jkun jista' jara mill-bidu l-inadempjenza ta' min ikun issupplixxih bis-servizz.

L-Artikolu 2137 jipprovdi b'mod car li l-perjodu preskrittiv jiddekorri minn meta 'din l-azzjoni setghet tigi ezercitata.'

Zgur li l-ilmentatur ma setax jezercita xi forma ta' azzjoni mid-data ta' meta inghata l-parir ghaliex l-aspettattivi tieghu kienu li jinghata servizz tajjeb u fl-ahjar interessi tieghu. Kwalunkwe azzjoni fid-dati li semma' l-provditur tas-servizz kien jaghmel l-istess azzjoni wahda intempestiva.

[7] A fol 560

Ghalhekk il-provditur tas-servizz ma rnexxilux jipprova l-preskrizzjoni allegata minnu.

Barra minnhekk, kieku *in extremis* kellu jitqies id-data ta' meta sar l-ewwel inkontru bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz u, cioe`, it-28 ta' Dicembru 2007, (ghalkemm l-ewwel *Purchase Orders* ghandhom id-data ta' Jannar 2008), xorta wahda l-azzjoni mhix preskritta ghaliex l-ilmentatur intavola ittra ufficjali fil-11 ta' Dicembru 2012, (notifikata fit-18 ta' Dicembru 2012), u ghalhekk interrompa l-preskrizzjoni ta' hames snin.

Ghal dawn il-motivi l-Arbitru qed jichad l-eccezzjonijiet kollha dwar preskrizzjoni.

**Fil-Mertu**

L-ilmentatur qed jitlob li jinghata rimedju ghal diversi investimenti li ghamel mal-provditur tas-servizz u li minnhom garrab telf.

Huwa jghid li jrid lill-Arbitru jaghtih it-telf kapitali realizzat fuq:

1. il-prodott *Sociéte Général Commodity Best Target* ta' €753.26;
2. *Sociéte Générale Adequity Best Select* ta' €13,187.14;
3. fuq l-*Aberdeen Global Euro High Yield Bond Fund* ta' €3,572 u li minn dan it-telf kollu jitnaqqas il-profitt ta' €159.84, jigifieri telf net ta' €17,352; u
4. il-hlas lura tal-investiment originali fil-*Protected Asset TEP Fund No 2* fis-somma ta' €18,000.

Sabiex jara jekk dawn it-talbiet humiex gustifikati, l-Arbitru jrid jaghmel analizi ta' dawn it-tranzazzjonijiet, in-natura tal-prodott, il-profil tal-ilmentatur fid-dawl tax-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet, il-verzjoni tal-provditur tas-servizz, u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ir-relazzjoni bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz bdiet fis-sena 2008. Fl-ewwel *KYC*[8] jidher li l-ilmentatur kellu Lm13,000 valur ta' investimenti fi *stocks* tal-Gvern (a fol 91).

---

[8] *KYC* tfisser *Know Your Client*. Din hija formola li timtela meta jkun se jsir investiment skont regoli statutorji tal-*MFSA* li jidher li l-ilmentatur kellu

Sa dakinhar l-ilmentatur kellu biss Lm13,000 *stocks* tal-Gvern. Fuq il-*KYC* tas-sena 2008, ma hemm l-ebda indikazzjoni ohra ta' xi investimenti ohra kellu l-investitur. Irid jinghad, pero`, li skont il-formola tal-applikazzjoni ghall-investiment fil-*Protected Asset TEP Fund No 2*, hemm indikat li s-sors tal-flus li kienu qed jigu investiti f'dan il-fond kienu gejjin minn kont bankarju fiss, li huma "*... resulted from some sales of shares *Wal-mart in the late nineties and from savings held for fifteen years.*"

Fix-xhieda tieghu[9] l-ilmentatur jichad dan u jghid li "*... ghalkemm hemm fid-dokument MS3 li jien il-flus gew mill-HSBC b'shares fil-Walmart, nghid li dan mhux minnu. Ghalkemm hemm miktub hekk, jien qatt ma kelli shares fil-Walmart. Nichad li kelli shares hemm*."

**Il-Profil tal-Ilmentatur**

Fl-affidavit tieghu[10] jghid illi huwa mar skola obbligatorja, li dak iz-zmien kienet sa erbatax-il sena, u meta ghamel l-ewwel investiment mal-*GlobalCapital* fl-2008 kellu 55 sena, u kien qed joqrob l-eta` tal-pensjoni. Huwa ftit li xejn jaf bl-Ingliz imma jaf jaqra bil-Malti. Meta waqaf mill-iskola kien jahdem go fabbrika u tghallem is-sena ta' *car sprayer*. Kien mar jahdem bhala *sprayer* ma' haddiehor wara li kien ghamel xi zmien jahdem ghal rasu. Mis-sena 2005, kien impjegat u fl-2007 biegh il-garaxx li kellu u dahhal minnu Lm40,000, li ried jara fejn ser jinvestihom.

Sas-sena 2008, is-sena li fiha investa mal-*GlobalCapital*, huwa qatt ma kellu investimenti qabel. L-uniku haga li kellu kien tifdil f'bank.

Sar jaf bil-*GlobalCapital* meta impjegata stess tal-provditur tas-servizz qaltlu bihom. Il-*GlobalCapital*, permezz ta' Roland Sollars, offrew li jmorru d-dar tieghu u hekk sar fit-28 ta' Dicembru 2007. Huwa qal lil Roland Sollars li ma riedx jiehu riskji u kien kawt hafna. Qallu li peress li fi ftit zmien iehor kien ser johrog bil-pensjoni, ried idahhal xi *income* mill-kapital li kien ser jinvesti biex izid dan id-dhul mal-pensjoni. Dan gie mnizzel minn Roland Sollars u, wara snin li l-ilmentatur baghtulu d-dokumenti, irrizultalu li Sollars kien nizzel li hu kien ried jiehu riskju limitat.

---

9 A fol 522
10 A fol 338 et seq

In kontro-ezami, l-ilmentatur jghid li hu ffirma diversi dokumenti, pero` ma kienx jaf x'fihom. Mill-assjem ta' dawn id-dokumenti, l-ilmentatur qatt ma gie deskritt mill-provditur tas-servizz bhala persuna li ried jiehu riskji gholja.

L-Arbitru m'ghandu l-ebda raguni sabiex ma jemminx din ix-xhieda.

**Il-verzjoni tal-provditur tas-servizz**

Il-provditur tas-servizz ma tella' l-ebda xhud li ghamel it-tranzazzjonijiet mal-ilmentatur, izda pprezenta ghadd ta' dokumenti u xehed permezz tal-affidavit ta' Michael Schembri[11] fejn, fil-qosor, qal illi hu kien qed jixhed mill-*files* tal-kumpanija u jghid li l-investimenti li kien ghamel l-ilmentatur kienu saru mal-kumpanija bhala intermedjarja, u ma sarux maghha bhala principal.

Dan ifisser li l-*GlobalCapital,* bhala intermedjarja, kienet irceviet l-ordnijiet tal-klijent biex jixtri l-investiment u hija ttrasmettiet din l-ordni lil terzi. Il-*File Notes* kienu jirrapprezentaw dak li gara waqt il-laqghat meta inghata s-servizz tal-investiment. Dawn id-dokumenti gew iffirmati minn ZN bhala konferma tal-kontenut taghhom. Jghid li, ghall-kuntrarju ghal dak li jghid l-ilmentatur, huwa kien midhla tal-investimenti u kellu anke investiment fil-*Walmart* (Dok. MS 3), u ghalhekk mhux minnu li l-flus kienu gejjin minn bejgh ta' garaxx.

Dwar it-*TEP 2* jidher li dan kien gie spjegat tajjeb lilu u fehem ir-riskji involuti. Jghid li anke fl-affidavit tieghu, l-ilmentatur jghid li kien jaf li kien hemm element ta' riskju. Dan il-prodott illum tela' fil-valur.

Dwar il-*File Note* fl-*SG-Adequity Best Select (EUR Class)* huwa pjuttost dettaljat u juri ezattament x'gara u li l-kumpanija kienet offrietlu diversi prodotti ohra u li bil-firma tieghu kien jaf ir-riskji involuti.

Dwar is-*Sociéte Générale-Commodity Best Target* l-ilmentatur ghazel li jbiegh dan l-investiment qabel immatura u issa qed jippretendi t-telf li ghamel minnu.

Illi dwar l-investiment fl-*Aberdeen Global Euro High Yield Bond* li sar fl-2008, dan sar a bazi ta' *Execution Only*, u ghalhekk, minghajr ma inghata parir dwar l-investiment mill-eccepjenti.

[11] A fol 349 et seq

Mid-dokumentazzjoni li ra fil-*file* tal-klijent jirrizultalu li l-klijent kien accetta l-kontenut ta' dawk id-dokumenti, tant li ffirmahom, u ma hemm xejn fil-*file* li jindikalu mod iehor.

**L-Investimenti li nbieghu lill-Ilmentatur:**

***(i) <u>Protected Asset Tep 2</u>***

Il-*Protected Asset TEP Fund No 2 (PATF2)* huwa fond ta' investiment kollettiv li jinvesti f'firxa ta' poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja. Skont id-dokument imsejjah *Scheme Particulars,*[12] dan l-investiment kien stabbilit fis-sena 2000 f'*Isle of Man*. Peress li kien investiment intenzjonat ghal tip partikolari ta' investituri (*Experienced Investors),* kien ezentat minn certu obbligi regolatorji li normalment huma assocjati ma' fondi ghal konsumaturi *retail*.

Skont dan id-dokument, il-'*PATF is designed to provide investors with capital growth and relatively low risk through an investment in diversified portfolio of traded endowment policies ("TEPs")'.*

Paragrafu importanti minn dan l-istess dokument jghid hekk: *'PATF has been established to enable experienced investors (experienced investors: - "persons who, in relation to any experienced investor fund, are sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in that fund") to invest in the well-established traded endowment market efficiently and simply.'*

Fl-ebda parti mill-*KYC* ikkumpilata mis-Socjeta` Konvenuta ma hemm indikat li l-ilmentatur kien *experienced investor* skont il-kriterji kif deskritti minn dan il-fond. Anzi, l-ilmentatur kien ikklassifikat bhala *retail client* (a fol 94).

Is-Socjeta` Konvenuta kienet taf li dan l-investiment kien ghal investituri ta' esperjenza, u biex tiggustifika il-bejgh tieghu lill-ilmentatur, il-*Financial Planning Manager* mela *Experienced Investor Declaration Form* (datata 9 ta' Jannar, 2007, fil-fatt kellha tkun 2008) a fol 133, fejn l-ilmentatur qed jintalab jiddikjara li huwa eligibbli li jinvesti f'dan l-investiment ghax huwa:

*"A person who has reasonable experience in the acquisition and/or disposal of funds of a similar nature or risk profile, or property of the same kind as the*

[12] Verzjoni *online* tal-istess dokument jinsab hawn: http://globaldocuments.morningstar.com/documentlibrary/Document/efa1fab51df85635.msdoc/original

*property, or a substantial part of the property, to which the PIF in question relates."*

Jekk fuq il-*KYC* l-ilmentatur kien iddikjarat bhala *retail client,* u mill-profil tal-klijent kellu jirrizulta li ma kienx '*experienced investor'* skont id-definizzjoni tal-prodott, allura l-provditur ma setax joffrilu investiment li kien immirat ghal *experienced investors.*

U wisq anqas jigi mitlub jiffirma l-*Experienced Investor Declaration Form*, galadarba l-investitur ma kellu ebda investiment li – fil-mument li gie offrut lilu il-*PATF2* – seta', b'xi mod, kien jixbah din il-klassifikazzjoni jew kriterju fuq l-*Experienced Investor Declaration Form.*

Din il-formola imtliet biss bhala ezoneru ghall-kumpanija u biex iggib lill-ilmentatur eligibbli biex jinvesti f'dan il-prodott.

F'fol 101 hemm esebita nota bl-idejn li l-ilmentatur jghid li kitibha l-*Financial Advisor* tal-*GlobalCapital* fejn hemm iddikjarat 'Kapital Protett'. Din id-dikjarazzjoni tal-ilmentatur mhix kontradetta.

L-investitur ma kellu qatt jigi offrut dan il-prodott ta' investiment ghax kien car li ma kienx jikkwalifika ghalih.

***(ii)*** ***<u>Sociéte Générale Adequity Best Select</u>***

Minn ricerka li saret jirrizulta li dan huwa prodott strutturat u ghalhekk mhux investiment bhal xi *fund,* fejn il-valur tal-investiment huwa essenzjalment rifless mill-valur tal-investiment li l-fond jinvesti fihom (*underlying assets*).

Dan kien strutturat b'tali mod li jimmatura f'data partikolari, u li kemm ihallas mal-maturita` huwa ibbazat fuq metodu matematiku li jikkalkula kif imur basket ta' investimenti partikolari skont kif hemm jispjega fid-dokumentazzjoni tal-prodott. Kellu *feature* li jhallas "imghax" ta' mill-inqas 7% fl-ewwel u t-tieni sena. Fil-kumplament tieghu, (mit-tielet sas-sitt sena), "l-imghax" kien varjabbli.

Il-prodott kien kompost minn xi 30 *share* f'banek u kumpaniji internazzjonali madwar l-Ewropa, l-Istati Uniti u l-Gappun. Kull sena, ghall-perjodu tal-investiment, il-hames kumpaniji li l-*performance* taghhom tkun l-ahjar kienu jitnehhew mill-basket tal-investimenti.

Effettivament, dan kien ifisser li kull sena dejjem kienu jithallew ishma li l-*performance* taghhom kienet tkun fqira. Mela mhux biss fis-sena 2008 il-valur tal-ishma nizlu fil-valur taghhom wara l-incertezza li kien hemm bil-falliment ta' *Lehman Bros*, imma **minn kif kien struttura**t: kull sena, sas-sena 2013 meta mmatura, il-prodott wasal ghal madwar 27% tal-valur.

Dan ma kienx prodott finanzjarju li seta' jinftiehem facilment minn *retail client*. Id-dokumentazzjoni, (cioè il-*brochure*) ta spjega tal-mekkanizmu tal-investiment; sahansitra anke kien hemm illustrazzjoni ta' tliet xenarji differenti li jippruvaw jispjegaw kif seta' jahdem l-investiment fuq il-medda ta' sitt snin li kellu jaghmel il-prodott.

Pero`, ironikament, dawn l-ispjegi u l-illustrazzjonijiet urew bic-car il-kumplessita` ta' dan il-prodott. Apparti l-uzu ta' matematika teknika li wiehed kellu juza biex jipprova jasal ghal kalkoli ta' kemm jista' jhallas l-investiment, intuza wkoll lingwagg kumpless li kienet taghmilha difficli ghal investitur biex jifhem mill-ewwel mhux biss kif jahdem il-prodott imma wkoll, forsi aktar importanti, bil-possibilta` li l-prodott ma jhallasx lura l-kapital kollu mal-maturita`.

Ma kienx prodott ta' "*Riskju baxx*", skont kif hemm miktub bl-idejn fuq il-*Contract Note* ta' dan l-investiment (a fol 103). Dan kien prodott b'riskju gholi u reali ghal min jidhol fih, u certament li ma kienx adatt ghal investituri *cautious*, bhal ma kien l-ilmentatur (skont kif deskritt fit-tieni parti tal-*KYC*, a fol 97).

Dan kien investiment kumpless fil-veru sens tal-kelma u l-profil ta' riskju tal-investitur kien tali li dan il-prodott ma kienx jaghmlu adegwat ghac-cirkostanzi tieghu.

### ***(iii)*** ***<u>Sociéte Générale Commodity Best Target</u>***

Ebda dokument relatat ma' dan l-investiment ma gie pprezentat mal-ilment u wisq anqas waqt il-process. Sfortunatament, dokumentazzjoni fuq l-*internet* lanqas ma tista' tinstab. Skont is-sit elettroniku ta' *Sociéte Générale Group*[13], il-prezz tal-maturita` ta' dan il-prodott kien €100.50, li x'aktarx jindika li l-prodott hallas l-ammont shih mal-maturita`, u forsi xi ftit iehor bhala qligh. Jidher li s-Socjeta` Konvenuta kienet qieghda tirreklama dan l-investiment f'xi gurnali

[13] http://www.adequity.com/products/affichage-detail-produit/?pdt_id=790

lokali[14] u kienet qieghda tghid f'dan ir-reklamar li kellu l-karatteristika li, apparti dhul, kellu wkoll il-kapital tieghu garantit.

Fejn f'kull *File Note,* il-*Financial Planning Manager* kien jaghti deskrizzjoni tal-prodott, fil-kaz ta' dan l-investiment, ebda taghrif ma inghata dwaru fuq il-*File Note*. Ma kien hemm ebda hjiel ta' imqar xi karatteristici ewlenin tal-prodott.

Fuq in-nota ipprezentata mill-ilmentatur mal-ilment, kien hemm bil-kitba dan li gej (a fol 105): "Kapital Garantit" u "Jaghti l-qligh fl-ahhar mal-kapital".

Jigi nnutat li l-investitur biegh il-prodott qabel il-maturita` u x'aktarx, allura, li malli ghamel hekk, ma hax il-beneficcju kif reklamat mis-Socjeta` Konvenuta li l-prodott kellu l-kapital garantit. Fil-kontro-ezami tal-21 ta' Novembru 2016, (a fol 523), l-ilmentatur xehed hekk: *"B'riferenza ghall-investiment fl-SG Commodity Best Target, jekk bieghtux qabel ma mmatura nghid li jien kont li tlabthom biex ituni l-flus. Nghid li kelli bzonn il-flus u nghid li minghalija kien niezel dak l-investiment, imma m'inix cert*".

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mis-Socjeta` Konvenuta, jinghad kif gej (a fol 558): "*... illi di piu` l-ilmentatur jonqos milli jsemmi ukoll illi l-investiment fis-Sociéte Générale – Commodity Best Target kellu il-kapital garantit 100% <u>meta jimmatura</u> u ghalhekk altru illi kellu riskju baxx, kuntrarjament ghal dak li jghid ripetutament l-ilmentatur fl-ilment tieghu ....*".

Jidher, allura, li jekk l-ilmentatur zamm l-investiment sal-maturita` kien jiehu l-ammont lura investit.

**Ghalhekk l-Arbitru ser jichad it-talba ghall-hlas ta' 'telf' dwar dan l-investiment.**

**(iv) <u>*Aberdeen European – European High Yield Bond Fund-A1*</u>**[15]

Dan il-fond jaqa' taht il-kategorija ta' *UCITS* (*Undertakings for Collective Investment in Transferable Securities)*, li huma fondi Ewropej li jistghu jinbieghu lill-investitur f'qafas regolatorju armonizzat). Il-fond huwa *Open Ended* u ilu

[14] http://www.timesofmalta.com/articles/view/20070520/business/capital-guaranteed-product-linked-to-commodities.17337

[15] Qed jintuza hawnhekk l-isem li kellu l-fond u kif miktub fuq il-*Contract Note* meta inxtara mill-investitur f'Jannar 2008. Aktar tard fis-sena, il-fond biddel ismu ghal *Aberdeen Global - Euro High Yield Bond Fund*. Illum jidher li qed jissejjah *Aberdeen Global – Select Euro High Yield Bond Fund*.

stabbilit sa mis-sena 2000. Skont il-prospett tal-fond, li gie ipprezentat mis-Socjeta` Konvenuta (a fol 428), l-oggettiv tal-fond kien dan:

'*The Fund's investment objective is long-term total return to be achieved by investing at least two-thirds of the Fund's assets in fixed interest securities which are Sub-Investment Grade and denominated in Euro and issued by corporations or government related bodies'.*

Il-prospett ma jaghti ebda indikazzjonijiet dwar il-profil ta' riskju tal-investiment.

Fir-rigward tar-*Risk Profile* ta' dan il-fond (a fol 438, u anke a fol 490), kif deskritti fil-prospett ta' *Aberdeen Global*, hemm miktub kif gej:

*'The Fund's portfolio has a significant position in high-yielding bonds, which means that there is more risk to investor's capital and income than from a fund investing in government or investment-grade bonds'.*

Aktar importanti, fil-*Key Investor Information* hija it-taqsima *Objective and Investment Policy* li tghid dan li gej:

'*To achieve a combination of income and growth by investing mostly in bonds (which are like loans that can pay a fixed or variable interest rate) priced in Euro and issued by companies or governments. The bonds will typically have lower ratings, as defined by international agencies that provide such ratings; these may pay higher rates of interest than bonds with higher ratings.* ***The Fund is intended for investors who are willing to accept a high level of risk.***

*Recommendation: This Fund may not be appropriate for investors who plan to withdraw their money within 5 years'.* (Enfasi tal-Arbitru)

Fid-dokument ipprezentat mis-Socjeta` Konvenuta imsejjah *Simplified Prospectus (datat November 2008)*, hemm taqsima li telenka il-fondi diversi tal-*Aberdeen Asset Management Limited* skont il-profil ta' investitur tipiku (a fol 492A). Fir-rigward ta' dan il-fond, hemm mitkub li gej:

'*Suitable for investor seeking more income with higher volatility in overall return*'.

Fuq il-*Contract Notes* meta inbiegh fis-sena 2008 (a fol 99), l-investiment huwa deskritt li ghandu l-kapital jitla' u jinzel, u jaghti imghax kull xahar. 'Imghax

jimmira ghal ftit aktar minn 6% imma mhux garantit', hemm miktub. Mid-dokumentazzjoni provduta, ma hemm xejn li jsostni dan l-ahhar *statement.*

Fis-sena 2009, precizament f'Settembru 2009, is-Socjeta` Konvenuta ghamlet *Suitability Test* lill-ilmentatur u stabbiliet li, skont il-profil ta' riskju tieghu ta' "*Medium Risk*", kellha terga' tirrikkommandah lill-investitur. Infatti, apparti investiment ta' valur ta' €12,130.76 f'Jannar 2008, l-ilmentatur investa €4,185.75 ohra f'dan l-istess investiment. Biegh il-*units* kollha li kellu f'dan il-fond f'Novembru 2012, u ghamel telf ta' €3,572.42.

Ma hemm xejn fid-dokumentazzjoni tas-sena 2009 li jelenka r-raguni ghala l-ufficjal tas-Socjeta` Konvenuta hasset li kellha taghti parir biex l-investitur jerga' jinvesti f'dan l-istess fond. Irid jigi osservat hawnhekk li l-flus investiti f'dan il-fond kien rikavat mill-bejgh tas-*Sociéte Générale Commodity Best Target.*

Skont il-*Key Investor Information*, dan kien fond intenzjonat ghal dawk li kienu ppreparati jaccettaw livell gholi ta' riskju. Huwa minnu li dan il-fond kien jimmira mhux biss ghall-qligh, imma wkoll ghal tkabbir kapitali, karatteristika li l-ilmentatur ried mill-investimenti tieghu.

Pero`, fl-istess waqt, l-ilmentatur kien kawt fir-rigward ta' riskju li ried jidhol ghalih. L-ilmentatur stqarr li ma kienx lest li jiehu hafna sogru. Abbazi tar-riskju gholi li kellu l-fond, kif wara kollox huwa deskritt fid-dokumentazzjoni ufficcjali tieghu, dan il-fond ma kellux jigi offrut u mibjugh lill-ilmentatur.

***(v)*** ***Lloyds TSB Euro High Income Fund***

Skont il-prospett (a fol 357), l-oggettiv ta' dan il-fond huwa "*To maintain a high income through investment in a spread of fixed interest securities denominbated predomitaley in Euro*". Dwar il-mod kif kellu jithaddem dan il-fond, il-prospett jghid:

*'... The Fund will normally hold a relatively wide range of securities in order to keep a low level of exposure to individual bond issues other than government securities. The Fund may also hold a substantial part of its assets in bank deposits and money market instruments from time to time.'*

Jekk wiehed kellu jiehu l-ahhar *factsheet* ta' dan il-fond,[16] purament biex jiehu hjiel ta' fejn qed jinvesti dan il-fond, jista' jinduna li l-maggoranza tal-*bonds* li dan il-fond huwa investit fih huma *bonds* li ghandhom *rating BBB* jew ahjar – fi ftit kliem, *investment grade bonds*.

Dan il-fond kien jaqbel mal-profil ta' riskju tal-investitur, bilanc bejn dhul u qligh kapitali, u b'riskju meqjus. L-ilmentatur ghamel qligh marginali meta hareg mill-fond f'Novembru 2012.

**Kalkoli ta' Telf jew Qligh fuq l-Investimenti**

Din il-lista turi jekk sarx telf jew qligh fuq dawn l-investimenti:

| | | € |
|---|---|---|
| • *Sociéte Générale Adequity Best Select*: | Telf ta' | 13,187.14 |
| • *Sociéte Générale Commodity Best Target*: | Telf ta' | 753.26 |
| • *Aberdeen European High Yield Bond Fund*: | Telf ta' | 3,572.42 |
| • *Lloyds TSB High Income Fund*: | Qligh ta' | 159.84 |

**Il-Qafas Legali**

L-Arbitru jrid **'jiddeciedi u jaghti gudizzju fuq ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.'**[17]

Ghandu, '**jikkunsidra u jiehu kont, b'dak il-mod u sakemm huwa jidhirlu xieraq, ta' ligijiet applikabbli u rilevanti, regoli u regolamenti, b'mod partikolari dawk li jirregolaw l-imgieba ta' provditur ta' servizz, inkluz linji gwida mahruga mill-awtoritajiet supervizorji nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, il-prassi segwita f'oqsma finanzjarji u l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment.'**[18]

[16] http://factsheets.financialexpress.net/Lloyds/TX12.pdf
[17] Kap. 555, Art 19 (3)(b)
[18] Ibid 19(3) (c)

Filwaqt li finalment id-decizjoni tal-Arbitru trid tkun ibbazata fuq dak li hu ekwu, gust u ragonevoli, biex jasal ghal dan ghandu jkun meghjun mid-diversi sorsi ta' normi legizlattivi li jpoggi ghad-dispozizzjoni tieghu il-legizlatur.

Dan l-ezercizzju mhuwiex esklussivament marbut mal-Kodici Civili, anzi l-legizlatur ried li japplikaw normi marbutin mal-qasam tas-servizzi finanzjarji fosthom il-ligijiet, ir-regolamenti, ir-regoli u linji gwida mahruga minn awtoritajiet supervizorji nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, il-prassi segwita f'oqsma finanzjarji u l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur.

Peress li l-ghoti ta' servizz fl-investimenti finanzjarji jikkostitwixxi attivita` kummercjali bejn konsumatur u kummercjant, japplikaw ukoll id-Direttivi Komunitarji u l-ligijiet lokali li jipprotegu l-interessi tal-konsumatur.

F'dan il-qasam saru zviluppi kbar kemm lokalment kif ukoll fuq livell komunitarju.

Fil-kaz in ezami, ir-relazzjoni bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizzi finanzjarji bdiet f'Jannar 2008, meta sar l-ewwel parir u rakkomandazzjoni ghax-xiri ta' prodott finanzjarju u kienu diga` japplikaw ir-regoli tal-*MiFID*[19] u l-*Investment Services Rules - Standard Licence Conditions* (fil-qosor *ISR-SLC*) mahruga mill-*MFSA* li effettivament gabu fis-sehh ir-Regoli tal-*MiFID.*

Ir-regola fundamentali li fuqha jistriehu r-regoli l-ohra tal-*MiFID* hija dik li hemm imnizzla f'Artikolu 19 (1) tal-istess Direttiva, jigifieri:

***'…. when providing investment services and/or where appropriate ancillary services to clients, an investment firm shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients ....'***

Dan il-principju kardinali gie anke inkorporat fl-*ISR-STC* tal-*MFSA* fejn, f'regola 2.01, hemm imnizzel:

**'*When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations***

[19] Din hija d-Direttiva tal Unjoni Ewropea maghrufa bhala *Markets in Financial Services Directive* (fil-qosor *MiFID*)

***issued thereunder, these Rules as well as with other relevant legal and regulatory requirements…'***

Dawn il-principji huma assodati kemm fil-*MiFID* u kemm fl-*ISR-SLC,* fost ohrajn, billi meta jinghata servizz ta' parir (*advisory service*) jew *portfolio management* irid isir dak li jissejjah *suitability test;* u meta jkun servizz ta' *promote and sell* irid isir l-*appropriateness test.* Dawn it-*tests* iridu jsiru mill-provditur tas-servizz biex jigi assigurat li l-klijent jinghatawlu prodotti li jkunu jilhqu l-aspirazzjonijiet tieghu, fosthom l-element tar-riskju u anke l-aspettattivi tieghu meta jkun qed jinvesti f'dak il-prodott.

Ghalkemm qatt ma kienu eskluzi dokumenti *standard form*, zgur li qatt ma kienet l-intenzjoni tal-*MFSA* li, taht il-forma ta' dokumenti *standard form*, isir biss ittikkjar ta' kaxxi akkumpanjati bil-firem tal-klijent minghajr ma jigi spjegat lilhom, f'lingwagg li jifhmu, dak li jkunu iffirmaw.

Il-provditur tas-servizz ma ressaqx bhala xhieda lil min kien ta s-servizz lill-ilmentatur; u Michael Schembri, l-uniku xhud tal-provditur, qal li hu kien qed jixhed a bazi tad-dokumenti li sab fil-*file*. Jghid li l-firem tad-dokumenti jixhdu dak li kien gara.

Jekk wiehed janalizza dawn id-dokumenti, jsib diversi inkonsistenzi mal-verita`. Per ezempju, fil-*KYC* tad-9 ta' Jannar 2008,[20] hemm imnizzel li l-lingwa preferuta tal-ilmentatur hija l-Ingliz, meta l-ilmentatur xehed li hu ftit li xejn jaf bl-Ingliz. U dan ma jistona xejn ma' haddiem manwali li mar biss skola sa erbatax-il sena u, deskritt fuq l-istess document, bhala '*manual worker'.*

F'din il-*KYC* hemm ukoll imnizzel li s-servizz kien '*promote and sell'* li tfisser li l-ilmentatur ma riedx parir minghand il-provditur tas-servizz. Kif seta' l-provditur jasal ghal din il-konkluzjoni meta dan kien l-ewwel investiment mieghu, u kien ovvju li l-ilmentatur kien mar ghandu biex jaghtih parir u jiggwidah? Din id-dicitura intuzat ghaliex fuq livell regolatorju, il-provditur jista' jkollu aktar ezoneru.

Fid-Dokument D (i) (a fol 107) hemm ittikkjat li l-ilmentatur kien qed jinghata servizz ta' *Execution Only,* jigifieri li ma riedx parir u li ma saret l-ebda rakkommandazzjoni tal-prodott mill-*GlobalCapital*. L-Arbitru ma jistax jemmen

[20] A fol 87

kif l-ilmentatur la ried parir u li l-prodott kien ghazlu hu u mhux gie rakkommandat lilu mill-*GlobalCapital*. Hemm diversi dikjarazzjonijiet ohra bhal dawk li kien qara dokumenti li fin-natura taghhom huma teknici u bl-Ingliz u li zgur li l-ilmentatur ma setax jifhem. U dan jirrepeti ruhu f'diversi dokumenti ohra esebiti.

L-Arbitru ma jistax jaccetta d-difiza tal-provditur tas-servizz li l-firma tal-ilmentatur fuq dawn id-dokumenti kienet taghti xi forma ta' sigill ta' ezoneru lill-provditur tas-servizz u kienet tirrapprezenta l-verita` ta' dak li xtaq l-ilmentatur u aktar u aktar ta' dak li ghalih kien qed jaspira.

Hafna minn dawn id-dokumenti kienu kollha *standard form,* u ghalkemm ma kienx hemm projbizzjoni li jintuzaw *standard form documents,* pero` il-kummercjant li juza tali dokumenti ghandu piz akbar xi jgorr.

F'dawn it-tranzazzjonijiet kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn konsumatur u kummercjant u ghalhekk japplikaw in-normi kontemplati fil-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tal-Appell[21] qalet dan dwar il-jeddijiet tal-konsumatur u kif inbidlet ix-xena normattiva:

*"Bhala punt ta' tluq jibda biex jigi osservat illi, di regola, fil-konvenzjonijiet ordinarji l-kontraenti jaslu ghall-formazzjoni taghhom, skont il-principji ta' dik il-liberta` u awtonomija, bil-partecipazzjoni ta' trattattivi esprimenti l-volonta` negozjali taghhom".*

Ukoll f'dik il-fazi pre-kontrattwali ghandha parti sinjifikattiva l-*buona fede* tal-kontraenti, intiza din bhala dak id-dover li l-partijiet jinformaw lil xulxin b'dawk l-elementi ta' intendiment aktar preciz u ezatt tal-kuntratt li jkun ser isir.

Huwa utli li jinghad li f'dan l-istess dover ta' informazzjoni ghandhom ikunu maghrufa u spjegati wkoll kull kawza tal-inefficjenza tal-kuntratt jew il-kawzi tal-inadempiment tieghu. Huwa dan kollu li, fil-fehma tal-Qorti, jaghti lok ghall-principju *pacta sunt servanda*. Hekk fl-imghoddi, kien sahansitra deciz illi:

[21] Raymond u Redenta Camilleri vs *Touring Mediterraneo Ltd.*, 6/10/2010

*"… r-regoli li l-kuntratti jigu esegwiti bil-mod li l-ekwita` tattribwixxi lill-obbligazzjoni assunta mill-kontraenti m'ghandhiex tkun kuntrarja ghar-regola l-ohra illi l-konvenzjoni tal-partijiet ghandha jkollha forza ta' ligi bejniethom".*

Ara "**Felice Gerada – vs - Ettore Pace *et nomine***", Qorti tal-Kummerc, 15 ta' Dicembru 1938. Dan, s'intendi, fl-ambitu tad-dixxiplina normattiva taht il-Kodici Civili (Artikolu 992).

Dan premess, huwa konvenjenti li jinghad illi, minn dak iz-zmien sal-lum, il-legizlatur Malti haseb, taht l-inkalzar tad-Dritt Komunitarju, ghar-rivalutazzjoni tal-imsemmi principju *pacta sunt servanda* bl-introduzzjoni ta' normi specjali ghat-tutela tal-konsumatur, in partikolari fejn *si tratta* ta' kundizzjonijiet standard prefissati mill-kummercjant u li fihom il-konsumatur ma jkunx ippartecipa ghall-formazzjoni jew impozizzjoni taghhom. *Multo magis*, imbaghad, fejn dawk l-istess kundizzjonijiet ma jkunux kontro-bilancjati kif imiss permezz ta' klawsoli favur il-konsumatur, u jkun jidher apparenti illi jezisti skwilibriju avvers ghall-konsumatur fil-kontrattazzjoni mal-kummercjant. Huwa ghal din ir-raguni illi l-legislatur haseb bl-Att ghall-Affarijiet tal-Konsumatur ghall-protezzjoni xierqa fejn, fil-kuntratt ikunu jezistu espressjonijiet mhux gusti jew, pjuttost, aktar oneruzi ghall-konsumatur. F'kazijiet bhal dawn, il-principju surreferit '*pacta sunt servanda ghandu l-limitazzjoni tieghu.'*

Ikun superfluwu li l-Arbitru jzid kummenti aktar ma' dan.

Specjalment, id-dokumenti esebiti a fol 107 sa 111, huma kollha *standard form* u, fl-assjem taghhom, huma dokumenti li jezoneraw lill-provditur mill-obbligi regolatorji u kuntrattwali tieghu. Meta l-ilmentatur iffirma dawn id-dokumenti kien f'qaghda ta' zvantagg u zbilanc naxxenti mil-livell ta' edukazzjoni tieghu u n-nuqqas ta' esperjenza fil-qasam tal-investiment fis-servizzi finanzjarji u ghalhekk m'ghandux ikun marbut bihom kif qed jippretendi l-provditur tas-servizz.

Barra minn hekk, l-Arbitru jaqbel mal-argumenti tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili[22] li l-firma wahedha ma torbotx jekk min jiffirma ma jkunx konsapevoli ta' dak li jkun qed jiffirma.

---

[22] Evelyn Farrugia et vs *GlobalCapital Financial Management Ltd,* 11/7/2016

L-Arbitru jrid ihares lejn it-tranzazzjonijiet li saru bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz fl-assjem shih taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet ‘il fuq imsemmija, l-Arbitru jiddikjara li l-provditur tas-servizz ma mexiex b’mod gust, ekwu u ragonevoli u naqas mill-obbligi statutorji u kuntrattwali tieghu; u m’agixxiex fl-ahjar interessi tal-klijent meta tah pariri u rrikommandalu prodotti finanzjarji li ma kienux addattati ghalih u kompatibbli mac-cirkostanzi personali tieghu u ma kienux jaqblu mal-objettivi finanzjarji u ta’ riskju tieghu u ghalhekk sar *investment misselling.*

Dan wassal ghal telf ta’ flus lill-ilmentatur.

Ghalhekk l-Arbitru qed jilqa’ l-ilment kif gej:

Qed jichad il-hlas ta’ telf fuq l-investiment *Sociéte Générale Commodity Best Target*;

Jordna lill-*GlobalCapital Financial Management Ltd.* thallas lill-ilmentatur is-somma ta’ €13,187.14, telf fuq l-investiment fis-*Sociéte Générale Adequity Best Select* ; €3572.42 telf fuq l-*Aberdeen Global Euro High Yield Bond Fund* u minn dawn l-ammonti ghandhom jitnaqqsu s-somma ta’ €159.84, li huma qligh minn fuq il-*Lloyds TSB Euro High Income Fund*, kif ukoll il-hlas lura ta’ €18,000, li huma l-ammont li nvesta l-ilmentatur f’*The Protected Asset TEP Fund No* 2, ghalhekk is-somma komplessiva ta’ €34,599.72 .

Kwalunkwe rikavat li jista’ jkun hemm fuq *The Protected Asset TEP Fund No 2,* ghandu jkun percepit mill-provditur tas-servizz wara li jkun hallas lill-ilmentatur dak ordnat f’din id-decizjoni u l-ilmentatur ghandu jaghmel dak mitlub minnu sabiex dan isehh.

L-ispejjez ta’ dan il-kaz ghandu jgorrhom il-provditur tas-servizz finanzjarju.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji